MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 1097/1988/3

**Agent Accountant General u d-Direttur tal-Kuntratti u t-Tabib Principali tal-Gvern**

***kontra***

**George Xuereb ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' G.V. Xuereb Limited u b'digriet tat-18 ta' April 1991 giet kjamata fil-kawza s-socjeta' S. Guillaumier & Co. Ltd.**

**Il-Qorti -**

**Rat** ic-citazzjoni prezentata fl-1 ta' Novembru 1988 li taqra hekk -

*Peress illi skond il-letter of acceptance tal-1 ta' Settembru 1983, is-socjeta' konvenuta giet moghtija appalt u dan ukoll b'kuntratt tat-23 ta' Ottubru 1983 fl-atti tan-Nutar Principali tal-Gvern in-Nutar Franco Pellegrini biex*

*jaghmel modernisation works li jinkludu xoghlijiet ta' kostruzzjoni u dekorazzjoni fil-wing riservata ghan-nisa fil-kumpless Ruzar Briffa, fl-Isptar St. Vincent de Paule gia Has-Serh, Luqa, bil-kundizzjonijiet hemm patwiti (vide Dok A u Bok B) ;*

*Peress illi in esekuzzjoni ta' l-imsemmi kuntratt is-socjeta' fuq indikata bniet soffitt fis-sala maghrufa bhala Sala Nestu Laiviera li tinsab fl-Isptar fuq imsemmi ;*

*Peress illi fid-9 ta' Jannar, 1988, is-soffitt in kwistjoni ceda minn mas-saqaf u waqa' ;*

*Peress illi dan gara unikament tort u htija tal-konvenut noe stante li l-imsemmi soffitt gie maghmul hazin u kontra dak rikjest mill-arti u s-sengha, b'mod li jmur kontra l-obbligazzjonijiet kontrattwali assunti mill-konvenut nomine kif hawn fuq imsemmi ;*

*Peress illi l-konvenut gie ufficjalment interpellat biex jirrimpjazza s-soffitt mibni minnu b'mod li jottempera ruhu mal-kuntratt fuq imsemmi permezz ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Lulju 1988 izda dan baqa' inadempjenti ;*

*Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess m'ghandhiex :*

*(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-soffitt li sar fil-ward "Nestu Laiviera" fil-Kumpless Ruzar Briffa fl-Isptar St. Vincenz de Paule (gia msejjah Has-Serh) ceda minhabba li gie mibni mill-konvenut nomine hazin u kontra dak rikjest mill-arti u s-sengha u mill-kuntratt hawn fuq imsemmi ;*

*(2) Tordna lill-konvenut nomine jirrimpjazza s-soffitt fi zmien qasir u perentorju li din il-Qorti jidhrilha xieraq u dan okkorrendo taht is-sorveljenza ta' perit nominat minn din l-Onorabbli Qorti ghal dan il-ghan ;*

*(3) Tordna li fin-nuqqas ix-xoghol necessarju jsir mill-attur bl-ispejjez a karigu tal-konvenut nomine.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Lulju, 1988 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet kummercjali.*

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata li kienet annessa mac-citazzjoni, il-lista tax-xhieda indikati mill-atturi, kif ukoll id-dokumenti li kienu esebiti mac-citazzjoni.

**Rat** in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine pprezentata fl-4 ta' Jannar 1989 li taqra hekk -

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex is-socjeta' konvenuta wettqet fedelment l-obbligazzjonijiet minnha assunti u dak li gara bl-ebda mod mhu attribwibbli ghall-istess socjeta', izda jahti ghalih funzjonarji dipendenti tal-atturi, kif sejjer jigi ppruvat ;*

*2. Illi, bla pregudizzju ghall-premess, l-istallazzjoni tas-soffitt mertu tal-kaz saret mis-socjeta' S. Guillaumier & Co. Limited, b'kuntratt ta' sub-appalt mas-Socjeta' konvenuta u ghalhekk, fi kwalunkwe kaz, ghandha ssir il-kjamata fil-kawza tal-istess sub-appaltanti ;*
*3. Salvi eccezzjonijiet ohrajn.*

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata li kienet annessa man-nota tal-eccezzjonijiet u l-lista tax-xhieda indikati mill-konvenut nomine.

**Rat** li permezz ta' digriet moghti fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 1989, il-Qorti tal-Kummerc cahdet it-talba tal-konvenut nomine ghall-kjamata fil-kawza tas-socjeta' S. Guillaumier & Co. Limited.

**Rat** id-digriet moghti mill-Qorti tal-Kummerc fl-istess udjenza fejn, a spejjez provvizorjament tal-atturi, kien mahtur l-AIC Richard Aquilina bhala perit tekniku sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz.

**Rat** ir-rikors tal-konvenut nomine prezentat fis-27 ta' Jannar 1989 fejn ghar-ragunijiet hemm indikati talab lill-

Qorti tal-Appell sabiex tirrevoka d-digriet moghti mill-Qorti tal-Kummerc fil-25 ta' Jannar 1989 li bih kienet cahdet it-talba tal-konvenut ghall-kjamata fil-kawza tas-socjeta' S. Guillaumier & Co. Limited.

**Rat** id-digriet tal-Qorti tal-Kummerc moghti fl-udjenza tat-18 ta' April 1991 fejn wara li hadet konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fil-15 ta' Marzu 1991 fejn kien revokat id-digriet taghha tal-25 ta' Jannar 1989, ordnat il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' S. Guillaumier & Co. Limited a kura u spejjez provvizorjament tal-konvenut nomine.

**Rat** id-digriet tal-Qorti tal-Kummerc moghti fl-udjenza tal-25 ta' Gunju 1992 fejn irrevokat l-inkariku tal-AIC Richard Aquilina bhala perit tekniku, issostitwietu bl-AIC Frederick Doublet u taghtu l-istess inkariku u fakoltajiet li kellu l-perit tekniku sostitwit.

**Rat** ir-relazzjoni tal-AIC Frederick Doublet li kienet prezentata fl-1 ta' Settembru 2005.

**Rat** id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-7 ta' Marzu 2007 fejn halliet il-kawza *sine die* riappuntabbli biss meta jithallas ir-rapport peritali.

**Rat** li r-relazzjoni thallset mill-atturi fil-21 ta' Awissu 2007 u ghalhekk il-kawza giet riappuntata ghall-udjenza tas-17 ta' Settembru 2007 meta l-perit tekniku halef ir-rapport.

**Rat** id-domandi in eskussjoni li saru lill-perit tekniku u li huwa wiegeb ghalihom bil-miktub permezz ta' nota li pprezenta fil-21 ta' Ottubru 2008 u li halef quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2008.

**Rat** in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fit-3 ta' Frar 2009.

**Rat** in-nota tal-kjamata fil-kawza prezentata fit-8 ta' Gunju 2009.

**Rat** id-digriet ta’ din il-Qorti moghti fl-udjenza tat-8 ta’ Gunju 2009 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Gharblet** u qieset il-provi kollha.

**Rat** l-atti tal-kawza fl-assjem taghhom.

**Ikkunsidrat –**

Fil-kawza tal-lum, il-kumpannija konvenuta kienet kommissjonata b’tender sabiex tesegwixxi xogholijiet ta’ mmodernizzar fil-wing riservata ghan-nisa fil-kumpless Ruzar Briffa, fl-Isptar St. Vincent de Paule gia Has-Serh, Luqa. Fost dawn ix-xogholijiet, kien hemm it-twahhil ta’ soffitt. Wara li sar ix-xoghol, is-soffitt waqa’ u l-atturi allegaw li dak gara ghaliex it-twettieq tal-appalt ma sarx kif titlob l-arti u s-sengha.

Skond DOK A, il-Gvern accetta t-tender tal-kumpannija konvenuta sabiex twettaq ix-xoghol involut skond il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u *fully complying with the attached published specifications and conditions.* It-tqeghid tas-soffitt in kwistjoni kien jaqa’ taht Item 1 Bill 11 u kien indikat li kellu jkun fabbrikat minn *mineral fibre.*

Skond DOK B li huwa l-kuntratt bejn il-Gvern u l-kumpannija konvenuta datat 23 ta’ Novembru 1983 kien hekk espressament patwit –

*Il-kuntrattur qieghed jobbliga ruhu, kif diga’ obbliga ruhu, li jesegwixxi dan l-appalt ta’ xoghol skond l-ispecifikazzjonijiet u taht il-kondizzjonijiet kollha li jinsabu fl-imsemmija Dokumenti mmarkati A u B u f’Dokumenti ohra mmarkati C, D, E, F, G u H, hawn annessi ghar-registrazzjoni kif ukoll skond il-kondizzjonijiet msemmija fit-Tender Form.*

Fil-Bill of Quantities, is-soffitt huwa deskritt hekk –

*Soffitt ceiling as described in the specification, finished, complete and suspended flat.*

A fol 112 hemm l-ispecification tas-*soffitt ceiling* fejn jinghad hekk –

*The work included in this specification is for the supply and fixing in place to the required levels, suspended soffitts consisting of tiles of a suitable material.*

*Tenderers are advised to visit the site of work, acquaint themselves with the conditions of work on site and see for themselves the areas where false ceilings are required. No claims will be entertained for failure to comply with this clause.*

*The tiles are to be washable, of a white colour, each tile being about 300 mm X 300 mm or multiples thereof and about 15 mm thick. Tiles are to be hung and installed on a suitable concealed metal suspensions system of frame. The final appearance is to present a neat and even installation, with a fully concealed suspension system, and to be flexible enough to accomdate site conditions, especially on the more difficult features associated with changes in levels, upstands or trimmed openings. The tiles shall be fully demountable, one at a time, thus providing total access to the void above …*

*When submitting their tenders, tenderers are to submit descriptive literature of the proposed systems as well as samples of the materials they propose to use.*

**Ikkunsidrat -**

Kontra l-premessi u t-talbiet attrici, il-kumpannija konvenuta sostniet mill-ewwel li l-bini u l-istallazzjoni tas-soffitt sar minn sub-appaltatur taghha u cioe' il-kumpannija kjamata fil-kawza, li min-naha taghha ezegwiet ix-xoghol skond l-arti u s-sengha kif ukoll skond l-ispecifikazzjonijiet tal-kuntratt.

Fid-difiza taghha, il-kumpannija konvenuta kienet specifika u attribwiet il-hsara tal-soffitt ghall-fatt li *l-perit tad-Dipartiment kien intrabat waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol li xi ventilaturi li setghu joholqu xi problemi ghall-*

*istess soffitt kellhom jigu misduda. Illi l-hsara li grat lis-soffitt sehhet propju minhabba li x-xoghol li d-Dipartiment kellu jaghmel bin-nies tieghu ghadu sal-lum ma sarx. Kien biss minhabba f'dan l-inadempiment li gara li gara.*

Minhabba n-natura teknika tal-vertenza, partikolarment in vista li l-atturi kienu qed jallegaw li l-appalt ma kienx esegwit skond l-arti u s-sengha, kien mahtur perit tekniku sabiex ihejji relazzjoni.

Fil-konkluzjoni tar-relazzjoni tieghu, il-perit tekniku AIC Frederick Doublet ighid hekk –

*1. Illi l-esponent huwa tal-opinjoni illi s-suffitt falla minhabba –*

*(i) Li l-ispazju bejn is-suffitt u s-saqaf kien suggett ghall-pressjonijiet varji tal-arja mic-cmieni ventilaturi li lahqu l-aghar taghhom fil-maltempata ta' Jannar 1988 iz-zmien tal-incident.*

*(ii) Is-suspension system u l-fixings taghha gew soggetti ghal stat li kkawza xi rawbolts jissaddu u f'xi kazi jaqsmu x-xorok, li xi suspension wires jinqatghu, u li rawbolts johorgu mit-toqob taghhom*

*2. Is-socjeta' konvenuta mhix responsabbli ghall-hsara li saret fis-suffitt.*

*3. Is-socjeta' kjamata fil-kawza mhix responsabbli ghall-hsara li saret fis-suffitt.*

Ghalkemm ir-relazzjoni tal-perit tekniku kienet ghal kollox sfavorevoli ghall-atturi, <u>dawn ma ressqux talba ghall-hatra ta' periti teknici addizzjonali</u> u llimitaw ruhhom li fl-ewwel lok jeskutu lill-perit tekniku u fit-tieni lok iressqu sottomissjonijiet bil-miktub.

**Ikkunsidrat –**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-atturi dahlu fil-fond sabiex ifissru l-obbligi tal-appaltatur fit-twettieq tax-xoghol li ghalih kien kommissjonat. Il-principji <u>generali</u> li

johorgu mill-gurisprudenza huma ben noti u mhumiex kontestabbli ghalkemm kull pronunzjament ghandu jittiehed fil-kuntest tal-fattispece tal-kaz fejn dak il-pronunzjament ikun inghata. Hekk hu per ezempju risaput li *l'imprenditore ha l'obbligo di eseguire l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua, u deve almeno prestare una capacita' ordinarja* (**"Scicluna vs Mallia et noe"** – Appell Civili – 31 ta' Mejju 1929) kif ukoll li l-*artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta' tax-xoghol tieghu* (**Vol.XXV.III.528** u **"Tabone vs Mifsud"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 5 ta' Ottubru 1994) u li *l-appaltatur ghandu jezegixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li ghandu l-obbligu li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir ultilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti* (**"Blackman vs Farrugia et"** – Appell Kummercjali – 27 ta' Marzu 1972).

Fejn l-argumenti tal-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom ma jistghux jinghataw konsiderazzjoni huwa meta, in vista tal-konkluzjonijiet peritali, huma javvanzaw il-presuppost li appaltatur ghandu jirrifjuta milli jezegwixxi appalt kontra s-sengha u l-arti, anke jekk ikun specifikament rikjest biex jaghmel dan mill-appaltant, u allura jekk ma jirrifjutax u jipprocedi xorta wahda bl-appalt, jibqa' responsabbli.

It-twettieq tal-appalt skond l-arti u s-sengha huwa principju li ma jistax jitwarrab mill-appaltatur. Huwa principju validu li ma jistax pero' jigi applikat ghall-fattispece tal-kaz tal-lum. Fil-kaz tal-lum, il-post u l-bzonnijiet kienu specifikament indikati mill-atturi u l-kumpannija konvenuta kellha tesegwixxi l-appalt skond specifications li kienu jaghmlu parti integrali mill-kuntratt. Imkien ma rrizulta li l-kumpannija konvenuta ma ottemperatx ruhha ma' dawk l-ispecifications. Mela l-kwistjoni tibqa' wahda ta' natura teknika aktar milli legali. L-ispecifications kienu dettati mill-General Conditions tat-tender u l-kuntrattur irrizulta li osservahom kif kien obbligat u fil-fatt hekk sar. Jekk min kien responsabbli sabiex ihejji l-ispecifications jew min kellu jissorvelja x-xoghol in generali, ma hasibx ghac-cirkostanzi partikolari tal-post fejn kellu jsir is-suffitt, u ghaliex gara hekk, saret il-hsara, l-atturi ma jistghux jiskariku l-piz tar-responsabilita' fuq il-kumpannija konvenuta u jallegaw

erroneament li din hadmet meta kienet taf li kien hemm riskju.

Konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta' natura teknika da parte ta' perit mahtur mill-Qorti dwar il-kwalita' tax-xoghol esegwit jikkostitwixxi prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghal decizjoni dwar jekk xoghol ikunx gie esegwit a norma d'arte.

Dwar il-konkluzjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawza **"Calleja vs Mifsud"** irriteniet li -

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

Dan l-insenjament huwa rilevanti u japplika ghall-kaz tal-lum.

Hekk ukoll irriteniet din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-25 ta' Settembru 2003 fil-kawza "**Grech et vs Grech et" –**

*Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-Qorti mhix marbuta li*

*taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher soddisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli.* (ara wkoll – **<u>"Bugeja et vs</u> <u>Muscat"</u>** – Appell Kummercjali – 23 ta' Gunju 1967).

**Ikkunsidrat –**

Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa mpernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, u mhux biss apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. Sabiex hejja r-rapport tieghu, il-perit tekniku mexxa huwa l-andament tal-gbir tal-provi, u acceda fuq il-post fejn kien twahhal is-soffitt de quo. Il-perit tekniku fisser fid-dettall ir-ragunijiet tieghu ghala l-kumpannija konvenuta u dik kjamata fil-kawza ghandhom jigu eskluzi minn kull htija ghall-hsara tas-suffitt. Ir-ragunijiet moghtija mill-perit tekniku u l-konkluzjonijiet tieghu huma ragonevoli u m'ghandhomx jigu skartati.

L-ghazla tal-post fejn kellu jsir is-suffitt kien tal-atturi. U kien tassattivament indikat mill-Gvern bhala parti mill-kuntratt mal-kumpannija konvenuta. Jidher pero' li l-post maghzul ma kienx adattat anzi kien prekarju ghar-raguni li kien sovrastat minn zewg cmieni ta' tul konsiderevoli, li minhabba n-natura taghhom kien ighaddi hafna rih minnhom, li kien il-fattur ewlieni li pprovoka l-waqa' tas-suffitt.

F'dan l-istadju din il-Qorti terga' taghmel riferenza ghad-difiza sollevata mill-kumpannija konvenuta u cioe' li *l-perit tad-Dipartiment kien intrabat waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol li xi ventilaturi li setghu joholqu xi problemi ghall-istess soffitt kellhom jigu misduda. Illi l-hsara li grat lis-soffitt sehhet propju minhabba li x-xoghol li d-Dipartiment*

*kellu jaghmel bin-nies tieghu ghadu sal-lum ma sarx. Kien biss minhabba f'dan l-inadempiment li gara li gara.*

Dak affermat mill-kumpannija konvenuta mhux kontradett.

A fol 284 tar-relazzjoni hemm riportat il-kliem preciz ta' George Xuereb, rappresentant tal-kumpannija konvenuta –

*Meta wasalna fl-istadju li kellhom jibdew jitwahhlu s-soffitti l-Perit koncernat mix-xoghol bhala konsulent tal-Medical and Health li dak iz-zmien kien il-Perit Anthony Muscat, kont personalment gbidtlu l-attenzjoni li kien hemm ventilaturi tal-arja pjuttost kbar li kienu ovvjament jaghtu l-arja go dawn il-kmamar fejn kellu jsir is-soffitt, li dan qalilna li se jinghalqu minn nies tad-Dipartiment u li ahna mna kellniex x'naqsmu maghhom.*

Dwar dan il-punt, il-Perit Anthony Muscat, prattikament u sostanzjalment, jikkorrabora din ix-xhieda (ara fol 280 tar-relazzjoni) -

*Jiena kont nahseb dak iz-zmien li gara kien minhabba l-ventilaturi miftuhin.  Ma niftakarx min qalli dwar il-ventilaturi sabiex jinghalqu ; jista' jkun jien, jista' jkun il-foreman, il-kuntrattur, ma niftakarx.*

Skond dan il-perit, *il-kuntratt kien jipprevedi s-supervision tar-rapprezentant tas-CGMO.* (fol 281)

Eppure nonostante dak mistqarr mill-Perit Muscat, *wara* xorta wahda baqa' ma sar xejn ghaliex kif jirrizulta mix-xhieda ta' Lino Mizzi, Kap tal-Isptar San Vincenz, riportata a fol 278, hemm konfermat li wara li waqa' s-suffitt ma sar l-ebda xoghol fuq ventilaturi kif ukoll li huma qatt ma saddew ventilaturi.

Ghal din il-Qorti, ma jistax jigi addebitat nuqqas lill-kumpannija konvenuta ghaliex min min-naha tal-Gvern kien addett li jintervjeni preventivament fix-xoghol tal-gheluq tal-ventilaturi, li ma kienx parti mill-brief tal-

kumpannija konvenuta, naqas milli jaghmel dan mhux qabel izda sahansitra wara li waqa' s-soffitt.

**Ikkunsidrat -**

Li kien il-fatt li l-ventilaturi baqghu miftuhin li wassal ghall-waqa' tas-soffitt u mhux xi difett fil-bini jew istallar tal-istess soffitt kien kjarament espress fir-relazzjoni peritali fejn a fol 288 jinghad hekk -

*Fl-irkejjen punent/tramuntana u tramuntana/lvant kien hemm zewg cumniji fl-irkejjen tad-dobblu jigbdu jew jaghtu ghal dan l-ispazju l-fuq mis-suffitt, li jitilghu l-fuq mill-bejt ghal xi filati, u msaqqfin fuq nett, izda li kellhom fuq iz-zewgt ucuh esterni li jharsu lejn il-grounds ta' kull kantuniera fethiet rettangolari mdaqqsa. Dawn il-fethiet f'xi postijiet kellhom louvres ta' l-injam u f'xi postijiet ma kellhom xejn, fethiet vojta.*

Ikompli jinghad hekk a fol 269 –

*... l-fethiet fic-cumniji setghu jircevu rjihat mill-kumpass kollu. Dawn l-irjieh jircevuhom kemm bhala pressjoni posittiva (li tisporza arja fic-cumnija) kif ukoll bhala pressjoni negattiva (li tigbed l-arja mic-cumnija). Il-posizzjoni tac-cmieni hija esposta hafna.*

Skond il-perit tekniku, fl-ispazju ta' bejn ix-xorok u s-suffit kien jonfoq ir-rih li kien jigi mill-ventilaturi tac-cmieni, izda kien ikun hemm ukoll vacuum tar-rih meta dan jingibed 'il barra. Din l-azzjoni tar-rih kellha dawn l-effetti fuq is-suffitt -

i. Pisien akbar u fluttanti fuq is-*suspension system*;
ii. *Fatigue* fuq is-*suspension wires*;
iii. *Fatigue* fuq il-*fixings* (f'dan il-kaz ir-*rawlbolts*);
iv. *Hsara fil-*housings (it-toqob) tar-*rawlbolts*;
v. Laxkar u distakk *(working loose)* tal-*fittings*;" (ara fol. 294 tal-process)

Teknikament il-perit jaghti din l-ispjegazzjoni (a fol 294) –

*... anke rih sostenut ma jkunx kostanti. Ivarja l-hin kollu bil-buffuri u bhalli ghall-hinijiet qosra – affari ta' sekondi – il-hin kollu f'maltempata. Dawn il-varjazzjonijiet minbarra li joholqu pressjoni fuq l-oggetti, jaghmlu dan bhala speci ta' pis dinamiku fejn il-forza fuq l-oggett tkun ferm akbar, serje ta' shock loadings ... Fl-opinjoni ta' l-esponenti* [perit tekniku] *huma l-varjazzjonijiet f'daqqa fir-rih qawwi li l-aktar jikkagunaw pisien dinamici fuq sistema bhal suspended soffit. Dan peress li normalment, bhala static loading is-suspension system tista' terfgha ferm aktar mill-pis tat-tiles kif assunti fuq.*

Fir-relazzjoni, l-espert tekniku ifisser fid-dettall ghaliex is-*suspension system* u l-*fixings,* bhalma huma r-*rawlbolts,* fallew milli jzommu s-suffitt fil-post. Bazikament dan sehh minhabba kumulu ta' umdita' li geghlet lill-bolt bil-ganc tar-rawlbolt sabiex jissaddad u f'kazi jaqsmu x-xorok. Skond il-perit tekniku, "*dan mhux minn xi difett fir-rawlbolts per se, izda mill-post fejn gew imdahhlin*". Dan huwa wkoll ikkonfermat fir-risposti addizzjonali tal-perit (ara fol. 411-415). Anke hawn ma tistax tigi mputata ebda inadempjenza lill-kumpannija konvenuta propju ghaliex l-fattur tal-ghazla tas-sit kien tal-Gvern.

Fuq l-iskorta ta' dawn il-fatti accertati, il-perit tekniku jikkonkludi illi l-hsara ma saritx minhabba nuqqas ta' sengha u arti da parti tal-konvenuti.

Anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet tal-atturi esposti fin-nota taghhom, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali. Anzi ssib konfort ghall-fehma taghha fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fil-kawza **"Camilleri noe vs Debattista"**, fejn jinghad hekk -

*Ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal*

*konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu.*

**Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta u tal-kumpannija kjamata fil-kawza, tichad it-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjez jibqghu intierament a kariku tal-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------